



Brussell, 24 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12469/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0169(NLE)

SCH-EVAL 158
DATAPROTECT 217
COMIX 428

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Settembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11906/1/19 REV 1	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- protezzjoni tad-data

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Settembru 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Latvja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-fini ta' din id-Deċiżjoni hija li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lil-Latvja biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati waqt l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data mwettqa fl-2018. Wara l-evalwazzjoni, ġie adottat rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati waqt l-evalwazzjoni permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)5720.
- (2) Bħala prattiki tajbin hemm, fost l-oħrajn, l-applikazzjoni b'suċċess għall-finanzjament mill-Kummissjoni Ewropea biex titjieb is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-fatt li t-tweġibiet mill-Uffiċċju SIRENE jkunu disponibbli f'lingwi differenti u li t-tweġibiet jingħataw b'mod ġenerali fi żmien qasir.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), jenħtieġ li tingħata prijorità lir-rakkomandazzjonijiet 15 sa 18.
- (4) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System), jenħtieġ li tingħata prijorità lir-rakkomandazzjonijiet 9 sa 11.
- (5) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien tliet xhur minn meta tiġi adottata, il-Latvja, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Latvja

Awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data

1. tiżgura l-indipendenza sħiħa tal-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (DPA, Data Protection Authority) billi tadotta leġislazzjoni nazzjonali li tikkonforma mal-Kapitolu VI tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem "GDPR", General Data Protection Regulation), b'mod partikolari l-proċedura dwar it-tkeċċija tad-Direttur;
2. tiżgura li l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data tirċievi finanzjament suffiċjenti u tiżgura livell adegwat ta' impjegati sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti kollha fdati lilha skont l-acquis tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (minn hawn 'il quddiem "SIS II") u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (minn hawn 'il quddiem imsejħa "VIS");

3. tiżgura li l-verifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data f'N.SIS kif meħtieġa skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament SIS II u l-Artikolu 60(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-SIS II ssir fil-ħin;
4. tiżgura li l-awditu tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fl-NVIS (national visa information system) jitwettaq kif meħtieġ skont l-Artikolu 41(2) tar-Regolament VIS u l-Artikolu 8(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-VIS;
5. tiżgura li l-awditjar futur ta' SIS II u VIS jsir b'mod komplut u b'konformità ma' standards internazzjonali ta' awditu kif meħtieġ mill-acquis tas-SIS II u l-VIS, u tiżgura li tiġi pprovduta l-ħila teknika fl-IT meħtieġa għal dawn l-awditi;
6. tiżgura li l-attivitajiet superviżorji tad-DPA fir-rigward tas-SIS II jinkludu kontrolli regolari tat-twissijiet tas-SIS II;
7. tiżgura li l-attivitajiet superviżorji tad-DPA fir-rigward tal-VIS jinkludu spezzjonijiet regolari tal-Uffiċċji Konsolari;
8. tiżgura li l-pjan ta' spezzjoni pluriennali tad-DPA jinkludi attivitajiet ta' spezzjoni oħra minbarra l-awditi obbligatorji tas-SIS II u tal-VIS;

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

9. tiżgura li l-log fajls jiġu analizzati regolarment għall-monitoraġġ tal-legalità tal-attivitajiet ta' pproċessar tad-data f'konformità mal-Artikolu 34(1) u (2) tar-Regolament dwar il-VIS;
10. tiċċara r-rwol (proċessur tad-data jew kontrollur konġunt) tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (minn hawn 'il quddiem "MAB") - fir-rigward tal-Uffiċċju ta' Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Migrazzjoni (minn hawn 'il quddiem "UĊAM");
11. tiżgura awtoawditjar aktar frekwenti ta' attivitajiet ta' pproċessar fil-VIS mill-UĊAM;

12. tirrevedi l-kuntratti mal-fornituri esterni tas-servizzi sabiex jirrispettaw u jallinjaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-GDPR;
13. tiddefinixxi b'mod ċar il-kompiti u s-setgħat tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data tal-UĊAM u tal-MAB, rispettivament;
14. tiżgura li l-formoli online użati fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-viża jkunu jinkludu avviż dwar protezzjoni tad-data li jinforma lis-suġġetti tad-data bl-attivitajiet ta' pproċessar ta' data u d-drittijiet individwali applikabbli;

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

15. tiżgura li l-pulizija twettaq awtoawditjar fuq bażi regolari, b'mod partikolari l-awtomonitoraġġ tal-logs;
16. tiġġenera logs nazzjonali tas-SIS II fuq livell ċentrali u tiżgura li l-ġustifikazzjoni għat-talba tista' tiġi stabbilita mil-log;
17. tara li l-log fajls ikunu rieżaminati diversi drabi sabiex jiġi vverifikat li l-ipproċessar tad-data jkun qiegħed isir f'konformità mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament SIS II u d-Deċiżjoni tal-Kunsill SIS II.
18. timminimizza r-riskju għas-sigurtà kkawżat mill-applikazzjoni mobbli li tippermetti aċċess għas-SIS II permezz ta', pereżempju, l-aċċess disponibbli biss permezz ta' servizz tal-VPN;
19. tistabbilixxi sistema ta' awtentikazzjoni b'żewġ fatturi;
20. tiżgura li d-data ta' produzzjoni ma tintużax għal skopijiet ta' ttestjar u li jkunu biss utenti debitament awtorizzati li jkunu jistgħu jagħmlu tiftix fl-NSIS.
21. tiddefinixxi b'mod ċar il-kompiti u l-poteri tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data fi ħdan il-pulizija, inkluż il-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet ta' monitoraġġ intern, bħalma hu l-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri ta' sigurtà;

Drittijiet tas-suġġetti tad-data u sensibilizzazzjoni

22. tipprovdi lid-DPA l-istatistika dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data relatati mas-SIS II u l-VIS fuq bażi regolari;
23. tagħmel materjal ta' informazzjoni aktar disponibbli bħall-fuljett "Data Personali fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" fl-ajruport u f'postijiet pubbliċi oħra;

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*